~~l-qala' ż-żgħir fil-pruwa, qatgħu l-ankri, u żammew tajjeb it-tmunijiet biex jidħlu fir-rokna li semmejna fuq. Imxew biċċa ġmielha lejn dik ir-rokna, imma mbagħad ir-riħ għelibhom u daħħalhom f'Ta' l-Għażżenin.~~

~~Ta' l-Għażżenin ħabtilhom aħjar, għax il-baħar baxx ħafna. Il-ġifen inkalja ftit bgħid mill-art, imma bil-għajnuna ta' għadd kbir ta' Maltin li ġew fuq ix-xatt (il-ħaddema tal-Ħakem ta' Malta, għax hemm kellu r-raba tiegħu), telgħu kollha l-art, min jaf igħum u min ma jafx, u kif ħabbarilhom San Pawl, minnhom ma għereq ħadd.~~

~~U l-Maltin ħadu ġiebu qatiegħ żraġen u ħatab u pal tal-bajtar niexef u għarrmuhom f'rokna tal-blat, fil-ħofra, fejn ir-riħ ma kienx jaqbel, u tawhom in-nar. U għajjtu lin-nies biex jiġu ma' dwaru biex inixxfu ħwejjiġhom u jisħnu, għax dak kien xahar Novembru u kienet ix-xita u l-ksieħ.~~

~~Hekk, lil San Pawl, il-Kbarat u Għorrief ta' Pajjiżu riedu joqtluh; u l-foqra u barbrin ta' Malta daru bih u xegħlulu n-nar biex jaħjuh u jagħtuh is-saħħa.~~

~~Ben Jehuża.~~

# L-ESSENI

It-taħfir u l-kixfiet ta' l-għaġeb li saru f'dawn l-aħħar snin fil-Palestina qajjmu t-tifkira ta' xirka qadima ta' rhieb li kienu jgħidulhom *Esseni*. Billi m'ilux kixfu f'Ħerbet Qumran, in-naħa tal-punent tal-Baħar il-Mejjet, is-sisien ta' dejr kbir tagħhom, ingħidu kelmtejn fuqhom, fuq il-ħajja tagħhom u fuq ix-xebħ bejnhom u bejn xi persunaġġi kbar imsemmijin fil-Vanġelu.

Sa minn xi żmien qabel Kristu, il-Lhud kienu maqsumin f'żewġ qasmiet jew setet kbar, il-Farisin u s-Sadduqin. Il-Farisin kien moħhom fil-Liġi ta' Mosè u fit-tifsir u l-irqaqat kollha li nibtu madwarha matul iż-żminijiet u li kienu jgħidulhom 'it-tagħlim tal-missirijiet'. Minn għalihom il-qdusija tal-ħajja kienet ir-reqqa li biha kienu jħarsu dawn l-irqaqat. Kristu kien iċanfarhom għax kienu jħarsu l-irqaqat bla ma jqisu xejn il-preċetti kbar tal-liġi morali, u ma kienux jilqgħu t-tagħlim ta' Kristu biex iżommu mat-tagħlim tal-missirijiet. Is-Sadduqin, bil-maqlub, kienu jżommu mal-kelma tal-liġi bla ma jqisu t-tagħlim tal-missirijiet. Imma ma kienux jemmnu fil-qawma minn bejn l-imwiet u anqas bl-anġli. Farisin u Sadduqin imsemmijin bosta drabi fl-Evanġelju.

Il-kittieba Lhud, Josef Flavjus u Filon, li għexu fl-ewwel seklu wara Kristu, u kittieba oħra qodma jsemmu wkoll l-Esseni bħala xirka oħra tal-Lhud. X'kienu dawn? L-isem tagħhom Lhudi ma nafuhx. Bil-Grieg imsemmijin *Essenoi* u xi drabi *Essaioi*. Filon isensel dan l-isem mal-kelma Griega *hosios* 'raġel tajjeb, devot'. Jekk hu hekk, l-Esseni kienu xirka ta' nies tajba. Iżda oħrajn ifissru l-isem xort'oħra.

Josef Flavjus jagħtina ħafna tagħrif fuqhom. Kienu jgħammru fil-Palestina, l-aktar in-naħa tal-punent tal-Baħar il-Mejjet. Il-ġid li kellhom kien ta' kulħadd u ħadd ma kellu xejn tiegħu, u għalhekk fosthom la kien hemm faqar u anqas għana żejjed f'idejn il-ftit. L-ilbies kienu jbiddluh meta jeqdiem u jitqatta'. Meta jsiefru, ma jieħdu xejn magħhom, għax kull fejn imorru huma milqugħin minn sħabhom. Kienu jistmellu ż-żwieġ, mhux għax kienu jqisuh ħaġa ħażina, imma għax il-mara kienu jżommuha bħala għajn ta' żina li aktarx ma żżommx

ir-rabta ma' żewġha. Kull xirka kellha s-superjuri tagħha li kienu jieħdu ħsieb l-ikel u l-ħtiġijiet tal-ħajja, iqassmu x-xogħol u jiġbru l-frott tax-xogħol.

Kienu jqassmu l-jum hekk: Qabel tlugħ ix-xemx ma kienu jgħidu l-ebda kelma ħlief jitolbu biex ix-xemx titla'. Ma' tlugħ ix-xemx jibdew jaħdmu, aktarx fir-raba u, bard jew sħana, jibqgħu jadmu sal-ħdax. Fil-ħdax jinħaslu ġisimhom kollu fl-ilma kiesaħ, ibiddlu ħwejjiġhom u jinġabru għall-ikel, li għalihom kien bħal ħaġa qaddisa. Qabel it-talb ħadd ma kien jista' jduq xejn. Wara l-ikel, li kien ikun dejjem fis-skiet, kienu jiżżu ħajr 'l Alla, imbagħad jilbsu l-ħwejjeġ tax-xogħol u jaqbdu jaħdmu sa fil-għaxija.

Is-Sibt kien jum imqaddes. Is-sajran ta' l-ikel kien isir il-jum ta' qabel; u ma kienu anqas biss iħarrku ħaġa minn post għall-ieħor. Kienu jinġemgħu għall-qari u t-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa.

Biex wieħed jidħol f'din ix-xirka jeħtieġlu jagħmel novizzjat ta' tliet snin. L-ewwel sena jgħix bħalhom, għalkemm ikun għadu barra mix-xirka. Jagħtuh libsa bajda, ħżiem u mannara żgħira. Wara sena jidħol aktar 'il ġewwa fil-ħajja tax-xirka, jissaffa magħhom bl-ilma tat-tisfija, imma ma jkunx jista' jgħix magħhom qabel ma jgħaddu sentejn oħra li fihom jagħti xhieda li hu qawwi biżżejjed biex jidħol għal dik il-ħajja. Wara t-tliet snin ikollu jaħlef li jħobb 'l Alla, li jagħmel ħaqq mal-bnedmin, li ma jagħmel deni lil ħadd, li jobgħod dejjem il-ħażin u jgħin it-tajjeb, li jobdi lis-superjuri tiegħu, li jħobb is-sewwa u jċanfar lil dawk li jigdbu, li jaħrab is-serq u l-qliegħ bid-dnewwa, li ma jaħbi xejn lil sħabu u ma jikxef xejn lill-barranin, anqas jekk iħalli ħajtu. Jekk wieħed jinqabad f'xi dnub kbir, jitkeċċa mix-xirka.

It-tagħlim tagħhom kien dan: Il-ġisem jitherra u jintemm, imma r-ruħ, magħmula minn arja rqiqa kemm jista' jkun, ma tintemmx. Ir-ruħ tidħol fil-ġisem qisha f'ħabs u fil-mewt toħroġ mill-ġisem u titla' fil-għoli. L-erwieħ it-tajba jmorru l-bogħod, il-bogħod fejn ma jħossu u la bard u lanqas sħana; imma l-erwieħ tal-ħżiena jmorru taħt l-art f'post kiesaħ u mudlam u kollu tbatija. Kienu jħabirku biex igħixu ħajja tajba, jobogħdu t-tlellix u jrażżnu l-għadab u jfittxu dejjem l-indafa bil-ħasil ta' sikwit. Sagrifiċċji ma kellhomx u fit-tempju ma kienux imorru. Donnhom kienu jqimu x-xemx, għax kull fil-għodu kienu jitolbuha biex tfittex tidher. Fuq kollox kienu jħobbu 'l xulxin u jgħinu 'l xulxin f'kull ma jaħtieġu.

Dawn kienu l-Esseni li l-ħajja tagħhom tixbah ħafna lill-ħajja tar-rħieb tal-ewwel sekli. Ħajja ta' rabta bejn l-aħwa u ta' penitenza.

Xi wħud jaħsbu li San Ġwann Battista kien wieħed minn dix-xirka. Iżda barra milli kien igħix ħajja ta' penitenza fid-deżert San Ġwann ma kien jixbah xejn lill-Esseni. Oħrajn ħolmu li Kristu wkoll kien wieħed minnhom. Xi wħud qalu wkoll li l-ewwel rħieb tal-Madonna tal-Karmnu kienu Esseni jgħixu fuq ġebel Karmel.

Fis-sena 1953 u s-snin ta' wara nkixfu f'Ħerbet Qumran is-sisien ta' bini kbir li jaħsbu li kienu jgħammru fih l-Esseni. Il-bini kien xi 100 pied wiesa' u 120 pied twil. Aktar minn darba kien imġarraf, imkabbar, mitluq u mgħammar mill-ġdid. Il-ħajja tiegħu kienet mis-sena 135 q.K. sas-sena 135 w.K. Il-bini kellu fuq u isfel u kien imqassam f'ħafna kmamar. Kamra kbira aktarx li kienet il-kamra tal-ikel; f'oħra sabu ħafna għodda tal-kitba u fiha jaħsbu li kienu jiktbu l-kotba tagħhom; kmamar oħra kienu jservu

bħala kċejjen; kellhom ħafna bjar u ġwiebi għax l-ilma kienu jaħteġuh ħafna. Sabu wkoll kotra kbira ta' bċejjeċ ta' ġarar u bwieqi tal-fuħħar li kien jinħadem u jinħema hemm fil-post. Dan juri li għadd kbir ta' nies kienu jinġemgħu u jieklu hemm.

Mis-sena 31 sas-sena 4 q.K. il-bini kien mitluq, u għandna provi li x-xirka kienet fil-belt ta' Damasku. Meta aħna nġibu quddiem għajnejna l-ħajja ta' penitenza tal-Esseni u l-ħajja bla ebda rażan tas-sultan Erodi l-Kbir li kien isaltan dik il-ħabta, ma nistagħġbux jekk Erodi xejn ma kien ferħan b'dawn in-nies igħixu tefgħa ta' ġebla bgħid mill-palazz tiegħu u jekk l-Esseni, li nqatgħu mid-dinja biex igħixu aktar skond il-liġi, ħarġu u tbiegħdu minn Qumran u telqu lejn Damasku fejn ma kienx jilħaqhom in-nifs ta' dak is-sultan li kien iħassrilhom u jħażżnilhom saħansitra l-arja ta' madwarhom.

Dawn kienu l-Esseni li t-taħfir fil-Palestina qajjem illum it-tifkira tagħhom.

P. P. SAYDON.

---

# GĦID IL-BXARA

*(25 ta' Marzu)*

Bħal ma aħna hawn Malta ngħidu li fil-25 ta' Marzu tiġi l-Lunzjata, in-nies tal-Palestina li jitkellmu lsien qisu Malti, igħidu li jiġi Għid il-Bxara.

Għax Bxara tfisser Aħbar, u Lunzjata ġejja mit-Taljan *Annunziata*, li tfisser "Imħabbra". Meta ngħidu: "Il-Lunzjata", inkunu ngħidu, ħażin ħażin: "Il-Madonna Mħabbra"; imħabbra, m'għandniex xi ngħidu, li kellha tkun Omm Alla.

Kif inhu miktub ċar fl-Evanġelju ta' San Luqa (Kap. I, vv. 26-27), il-Bxara lill-Madonna ingħatatilha ġewwa l-belt ta' Nazzaret. Issa, l-ewwel ħaġa, meta ngħidu *belt*, għandna nifhmu dak li jifhmu l-Palestina b'din il-kelma, m'hux dak li nifhmu hawn Malta. Għax il-Palestina jgħidu *belt* imqar erba' jew ħamest idjar ma' ġenb xulxin. Hekk, kieku hawn Malta nitħaddtu bħalhom, konna ngħidu li hi belt saħansitra dawk l-erba' djar żgħar li hemm ħdejn San Martin, il-Baħrija, li jgħidulhom is-Serina.

Nazzaret, mela, meta kienet tgħammar fiha l-Madonna, ma kenitx magħmula għajr minn ftit grieni mibnija fuq il-bokka ta' xi għerien. Waħda minn dawn il-għamla ta' djar kienet toqgħod fiha l-Madonna.

Kif ġrat sewwa t-Tbaxxira?

Ġewwa Nazzaret hemm għajn, l-ilma tagħha ħiereġ minn ġewwa l-blat, taħt l-art (tixbaħ sewwa lill-Għajn tal-Hasselin, l-Imsida, imma iżgħar), u m'għandniex xi ngħidu, din il-għajn kienet hemm ukoll fi żmien il-Madonna. Għax l-għejun jiġu mill-ilma tax-xita, li jibqa' nieżel taħt il-ħamrija ta' l-għelieqi u ġewwa x-xquq tal-blat sa kemm jinġabar u jinfed minn xi mkien. Il-għoljiet bir-raba li hemm il-lum 'il fuq minn Nazzaret kienu hemm minn dejjem, u minn dejjem tagħmel ix-xita, għalhekk il-għajn li semmejna minn dejjem kienet hemm.

Mela, kif jinsab miktub fi ktieb qadim ħafna, imsemmi *Protevangelium Jacobi* (Kap. XI, vv. 1-2), il-Madonna darba qabdet il-ġarra u ħarġet u marret fuq din il-għajn biex timla l-ilma. Kif dan, semgħet lil xi ħadd isellmilha. Bdiet tħares 'l hawn u 'l hemm biex tara min kien, u ma rat